# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur: C. Zammit-Marmarà, M.B.E.

Nru. 68 | IS-SIBT, IL-15 TA' SETTEMBRU, 1945. | Nru. 68


# PROPAGANDA GHAT-TAGHLIM FUQ IL-BIEDJA

(Mit-Taħdita magħmula fuq ir-"Rediffusion" mis-Sur ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja, fit-2 ta' Settembru 1945).

## "IL-BIDWI" BHALA MEZZ TA' TAGHLIM

WIEHED mill-iżjed xogħlijiet meħtieġa tad-Dipartiment tal-Biedja huwa dak illi jgħin lill-bidwi f'seneghtu b'tagħlim li jkun jinħtieġ minn żmien għal ieħor — tagħlim li jista' jġib 'il quddiem lilu, lir-raba' tiegħu u lil pajjiżu. L-edukazzjoni tal-bidwi hi ta' ġid kbir lill-pajjiż, għaliex b'hekk huwa jkun jista' jieħu prodotti iżjed bil-kotra, prodotti itjeb u safja minn mard. B'dan il-ħsieb aħna ħriġna, tliet snin ilu, il-folju bil-bosta magħruf "IL-BIDWI", li għadu wkoll joħroġ sal-lum kull ħmistax-il-ġurnata.

Dawk il-bdiewa jew dilettanti li jinteressaw ruħhom fil-qari dwar il-Biedja u Ġonna jistgħu jibdew jirċevuh billi jiktbu l-Uffiċċju tal-Biedja, l-Għammieri.

Barra milli noħorġu dan il-folju hekk meħtieġ, aħna wkoll inqassmu, kull meta jkun jinħtieġ, kitba ta' tagħlim jew ta' tifsir.

## IL-KAMRA TA' L-INFORMAZZJONIJIET

Biex dan ix-xogħol ta' tagħlim iżjed jirnexxi u jkun żgur ta' għajnuna lil kulħadd, jiena qtajt li niftaħ Kamra għaliha apposta fl-Uffiċċju stess tal-Biedja, l-Għammieri, u din il-Kamra, li issa tinsab imgħammra b'kollox, jiena semmejtha il-"Kamra ta' l-Informazzjonijiet" u semmejtha hekk għaliex twaqqfet l-iktar bil-ħsieb li tagħti informazzjonijiet fuq kull ħaġa li tmiss lill-biedja in ġenerali, kemm jekk dak li jkun li jixtieq jaf ħaġa jkun bidwi, u kemm jekk ikun dilettant jew forsi persuna oħra li tinteressa ruħha fil-kwistjonijiet tal-biedja.

Bis-saħħa ta' din il-Kamra, aħna nippruvaw inżommu ruħna dejjem infurmati fuq dak li jkun qed isir f'pajjiżi oħra, billi aħna nirċievu minn għandhom il-gazzetti u rapporti tagħhom.

Kull wieħed li jkun jixtieq jaf xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-biedja, m'għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jikteb lill-"Kamra ta' l-Informazzjonijiet", Dipartiment tal-Biedja, Għammieri, u huwa jiġi infurmat b'dak kollu li jkun jixtieq ikun jaf. Jiena nittama illi kulħadd jipprofitta ruħu minn din l-okkażjoni u jagħmel użu minn din il-Kamra.

Forsi jkun hemm min jistaqsi: "X'tagħrif nista' nikseb minn din il-'Kamra' ġdida li fuqha qiegħed tgħidilna?" Jiena nwieġeb li ma hemmx limti għall-informazzjonijiet li nistgħu nagħtukom. In-nies li hemm inkarikati qegħdin hemm biex jaqdu lilkom, u kull mistoqsija li tagħmlu tkun milqugħa bl-attenzjoni l-iżjed serja u lilkom tingħata risposta tagħha mill-iżjed fis li jista' jkun, wara li titlesta l-informazzjoni li tkunu tistgħu toqogħdu fuqha.

Hawnhekk nistħajjilkom tistaqsuni: "Allura l-impjegati li għandek f'din il-Kamra jifhmu f'kollox?" — Le! Iżda l-mistoqsija tiegħek issir lill-Kap ta' dik il-Fergħa tad-Dipartiment li għandu x'jaqsam mas-suġġett tal-mistoqsija tiegħek u dan għalhekk ilesti r-risposta u jgħaddiha mill-ġdid lill-"Kamra ta' l-Informazzjonijiet" biex imbagħad tinbagħat lilek.

Biex nagħtikom eżempju ta' dan, ngħidu aħna, wieħed jixtieq jaf xi ħaġa fuq l-annimali tiegħu: baqar, majjali jew tiġieġ. Forsi tfaċċat xi marda ġdida fuq it-tjur li jkun jixtieq jaf xi ħaġa fuqha; xi differenza fuq il-ħalib tal-baqar, ngħag jew mogħoż li hu qatt ma kellu qabel, xi mard jew difett fuq il-majjali. Mistoqsijiet bħal dawn ngħadduhom lit-Tabib tal-Biċċerija biex jeżaminahom u wara li jagħtina t-tweġiba tiegħu, aħna minnufih inwieġbu lil min ikun kitbilna u staqsiena fuqhom.

L-istess ħaġa nagħmlu jekk il-mistoqsija, flok fuq l-annimali, tkun fuq siġar jew mard tal-prodotti, jew mess ta' insetti. Aħna neżaminaw bir-reqqa kollha l-mistoqsijiet tagħkom, u jekk ikun jinħtieġ, jiena nibgħat ukoll lill-Uffiċjal inkarikat biex jara b'għajnejh u jagħti l-parir tiegħu, fil-kas li tkun xi kwistjoni ta' mard ta' annimali jew prodotti tar-raba' jew siġar tal-frott. Insomma, jiena nixtieq li intom ilkoll tħossu li din il-"Kamra ta' l-Informazzjonijiet" li jiena waqqaft fid-Dipartiment tal-Biedja, **WAQQAFTHA GHALIKOM U GHALL-BŻONNIJIET TAGHKOM**, u għalhekk nixtieqkom li intom tagħmlu użu minnha spiss u kull darba li jkollkom bżonn.

Dak li għidtilkom ma jfissirx illi intom għandkom tistaqsu biss dwar mard ta' l-annimali jew prodotti, le. Jiena nieħu pjaċir jekk intom kull diffikultà li jkollkom tiktbu lilna, ukoll jekk ikollkom tiktbu lilna, ukoll jekk ikollkom xi ħaġa li għamilna aħna u li ma hix togħġobkom. Bosta drabi tkun xi ħaġa li forsi intom ma tkunux fhimtuha, jew li aħna ma fissirnihielkomx ċar biżżejjed, u li għalhekk ikun ta' ġid jekk aħna infehmuhielkom sewwa. Insomma, il-"Kamra ta' l-Informazzjonijiet" qiegħda hemmhekk għalikom u jonqos minnkom jekk intom ma tagħmlux użu minnha. Fuq kollox intom ma tħallsu xejn, la għall-mistoqsija u lanqas għar-risposta.

